MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 27/2007/1

Maltacom plc [C 22334]

vs

Lawrence Apap

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tliet mija u sbatax -il lira Maltija u erbgha u tletin centezmi [Lm317.34c] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21563406 [A/C no. 40013805), skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma’ l-ispejjez, l-imghaxijiet u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali mibghuta fit-13 ta’ Marzu 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-1 ta’ Settembru 2007, u baqa’ ma pprezentax ir-risposta tieghu fit-terminu legali.

Il-konvenut deher ghall-udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2007, u ammetta t-talba attrici.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 9(2)(a), u 13(b) tal-Kap.380.

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u sbatax -il lira Maltija u erbgha u tletin centezmi [Lm317.34c] ekwivalenti ghal seba’ mija u disgha u tletin Euros u ghoxrin Euro centesimi [Euros 739.20], dovuta bhala hlas li l-konvenut halla pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21563406 [A/C no. 40013805), bl-imghax legali b’effett mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2007, sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2007 [Ittra numru 189 /2007], kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------